MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 7/2010

**Michael Mintoff**

**Vs**

**Pierre Galea u Life Adventure Limited**

Il-Qorti,

Permezz tar-rikors odjern, l-attur qieghed jitlob lil din il-qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ erbat elef tmien mija u erbgha u tletin euro (€4834) rapprezentanti bilanc ta’ hlas ghal servizzi ta’ tibjid, tqeghid ta’ madum u xoghol iehor simili u relatat mal-kostruzzjoni res mill-attur fuq inkarigu taghhom. Bl-imghax kummercjali mid-data tas-servizzi sad-data tal-hlas effettiv. Bl-ispejjez kollha nkluza VAT, u nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ April 2010 u ta’ l-ittra interpellatorja tat-8 ta’ April 2010.

Illi fir-risposta Pierre Galea u l-kumpanija Life Adventure Limited irrispondew hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dan ghas-segwenti ragunijiet;

2. Illi in linja preliminari Pierre Galea mhuwiex il-legittimu kontradittur ghaliex hu qatt ma kellu relazzjonijiet la kuntrattwali u lanqas ta’ ebda xorta ohra ma’ l-attur fil-kapacita’ personali tieghu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess illum Pierre Galea ma ghad baqaghlu ebda konnessjoni mas-socjeta’ konvenuta Life Adventure Limited;

4. Illi allura l-konvenut Pierre Galea ma ghandu jaghti ebda ammont lill-attur;

5. Illi a rigward is-socjeta’ Life Adventure Limited, qed tecepixxi li ebda ammont ma huwa dovut u dan stante li kull ammont dovut ghal xogholijiet li saru mill-attur gie mhallas u dank if ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi mhux talli Life Adventure Ltd ma ghandhiex taghti flus lill-attur imma talli huwa l-istess attur li ghandu jhallas lis-socjeta’ konvenuta ghall-diversi xogholijiet li jammontaw ghall-elf erba’ mija u hdax-il Ewro u tnax-il centezmu (€1411.12) kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza u ghal dan il-ghan is-socjeta’ Life Adventure Limited qed tipprevalixxi ruhha mill-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tintavola kontro-talba rikonvenzjonali kontra l-istess attur Michael Mintoff.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Kontro-talba rikonvenzjonali tas-socjeta’ Life Adventure Limited:

Jghid l-attur rikonvenut ghaliex prevja dikjarazzjoni li l-istess attur rikonvenut huwa debitur tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti ghall-ammont ta' ghal elf erba' mija u hdax-il Ewro u tnax-il centezmu (€1411.12) dovuti ghal xoghol ta' madum, stimi u kontijiet u hlas ta' haddiema li sar mis-socjeta' konvenuta rikonvenjenti lill-istess attur rikonvenut u dan fuq inkarigu ta' l-istess attur rikonvenut, jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta' konvenuta rikonvenjenti s-somma ta' elf erba' mija u hdax-il Ewro u tnax-il centezmu (€1411.12) bl-imghax dekoribbli sal-hlas effettiv u bl-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-attur rikonvenut u bl-ispejjez'.

Illi fir-risposta tieghu ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, l-attur eccepixxa hekk:

1. Illi l-attur rikonvenzjonat ma' ghandu jaghti xejn minn dak mitlub fit-talba rikonvenzjonali.

2. Illi t-talbiet in rikonvenzjoni huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-affidavits u semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti kollha prezentati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2011 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li huma qeghdin jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet diga' prezentati minnhom u li ghaldaqstant il-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jippretendi l-ammont ta' €4834 rapprezentanti bilanc ta' hlas ghal servizzi ta' tibjid, tqeghid ta' madum u xoghol iehor simili u

relatat mal-kostruzzjoni res minnu fuq inkarigu tal-konvenuti.

Illi min-naha tieghu, il-konvenut Pierre Galea eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kontradittur peress li sostna li huwa dejjem ikkuntratta ma' l-attur permezz tal-kumpanija li hija s-socjeta' konvenuta, liema socjeta' eccepiet li l-attur m'ghandu jiehu xejn minghandha anzi ghandu jhallasha l-ammont ta' €1411.12.  Ghal dan il-ghan l-istess socjeta' konvenuta ressqet kontro-talba.

Illi mill-atti rrizulta li l-attur gie *sub-contracted* f'diversi xoghlijiet li kellhom isiru f'diversi postijiet. Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti jinghad li Michael Mintoff beda jahdem bhala *sub-contractor* ghal xoghol ta' tqeghid ta' madum go *farmhouse* fix-Xewkija. Jinghad ukoll li kien hemm diversi xoghlijiet ohra li ghamlu l-attur u l-konvenut peress li huma hadmu flimkien fuq finishing.

Illi m'hemmx qbil pero' dwar min kien inkariga lill-attur ossija jekk kienx il-konvenut Pierre Galea jew inkella s-socjeta' Life Adventure Limited.

Ghalhekk jehtieg li tigi ndirizzata qabel il-mertu l-<u>eccezzjoni preliminari ta' Pierre Galea</u> li tghid hekk:

*'Illi in linja preliminari Pierre Galea mhuwiex il-legittimu kontradittur ghaliex hu qatt ma kellu relazzjonijiet la kuntrattwali u lanqas ta' ebda xorta ohra ma' l-attur fil-kapacita' personali tieghu'*

Illi dan sostnih kemm meta xehed *viva voce,* kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi l-qorti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu, 2011 fejn gie vverbalizzat is-segwenti:

*'Il-konvenut iddikjara li b'referenza ghax-xoghlijiet li huma elenkati fid-dokument li jinsab a fol 10 u cioe' ix-xoghol li sar id-dar ghand ohtu, ghand certu Bernardette, ghand Carmelo maghruf bhala l-Kiskis u ghand certu Reuben*

*dan ma sarx mill-kumpanija, izda minnu personalment peress illi dawn huma nies li jafhom mill-qrib. Ikkonferma wkoll ghalhekk li l-uniku xoghol li sar permezz tal-kumpanija kien ix-xoghol fid-dar tal-kumpanija ta' Ciliberti li tinsab fix-Xewkija'.*

Fin-nota guramentata, l-attur isemmi s-segwenti postijiet u nies fejn gie *sub-contracted*:

- Xoghol fid-dar ta' Vincent Ciliberti u Marco Ciliberti fix-Xewkija, Ghawdex
- Xoghol ghand oht l-konvenut f'Birzebbuga, Malta
- Xoghol ghand certa Bernardette mix-Xaghra, Ghawdex
- Xoghol ghand certa Carmelo maghruf bil-laqam 'il-kiskis' fix-Xaghra, Ghawdex
- Xoghol ghand certa Ruben mis-Sannat, Ghawdex
- Xoghol ghand il-konvenut innifsu

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Pierre Galea fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2011 jirrizulta li l-uniku xoghlijiet li gew eskluzi minnu huma dawk li saru fix-Xewkija u li saru ghand il-konvenut innifsu.

Illi l-konvenut sostna li huwa kien jahdem bhala direttur tal-kumpanija Life Adventure Limited u kien jaghmel xoghol ta' l-idejn ghall-istess kumpanija. Huwa qal li ghall-habta ta' Settembru, 2008 Michael Mintoff beda jahdem mieghu bhala *sub-contractor* fix-Xewkija u imbaghad f'diversi xoghlijiet ohra. Galea xehed li Mintoff hadem mal-kumpanija u mhux mieghu personalment.

Illi minn dak li rrizulta fl-atti processwali din il-qorti temmen lill-attur u dan ghal diversi ragunijiet. Referenza ssir hawnhekk ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono[1],** li din il-qorti taqbel mieghu kompletament, li meta negozju jkun gestit minn

[1] Cit Nru: 1184/01RCP deciza fil-21 ta' Marzu 2002

socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-*invoices*, *statements*, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kif inghad fl-istess sentenza, dan il-principju gie kostantament applikat mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet **Charles O' Flaherty noe. vs Joseph Micallef** (Cit Nru 885/85/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987, fejn inghad li *"Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cilia noe. vs CharlesScicluna** (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992, intqal: *"Illi hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta' attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta' attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta' tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"*.

Illi imbaghad il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward Borg)**" deciza fl-10 ta' Mejju 1990, qalet illi: *"La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f'ismu*

*personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel."*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Stellini noe. vs Emmanuel Cassar**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April 1993, intqal illi *"din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista' jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur …... seta' ta' lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan*
*l-element fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontraent".*

Fuq l-istess stregwa hija s-sentenza fl-ismijiet **Alex Zammit noe vs Alan Lubinsky et**[2] fejn intqal :

*'Din il-Qorti tibda biex tghid li ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).*

***Bhala regola**, huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati. Il-kaz tal-lum pero' jikkostitwixxi eccezzjoni ghal dik ir-regola. Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc **"Cilia noe vs Scicluna"** (K/FGC) tas-27 ta' April 1992 (LXXVI.IV.673) u **"Bonnici noe vs Grima"** (K/JDC) tat–30 ta' April 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell **"Caruana et vs Magro et"** tas-6 ta'*

---

[2] Cit Nru: 508/2007JZM deciza fit-30 ta' Marzu, 2010

*Ottubru 1999, hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.*

*Il-kumpannija ammettiet il-kreditu (fol 8). Izda dak il-fatt wahdu ma jesonerax lill-konvenut personalment mill-obbligazzjoni li jaghmel tajjeb hu ghal dak il-kreditu. Fuqu jinkombi l-piz tal-prova tal-allegazzjoni tieghu li d-debitu ma sarx minnu personalment izda li meta kkontratta mal-attur kien qed jaghmel hekk f'isem il-kumpannija. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt anzi ghandu jigi eskluz (Troplong – Mandato No.50 citat fis-sentenza* ***Vol.XLII.II.203****). Del resto fil-kuntest ta' kollox hemm il-principju tad-dritt, daqstant ewlieni, li skond Art.993 tal-Kap.16 il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom izda wkoll l-konsegwenzi kollha li ggib maghhom l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu u bil-ligi (****"Falzon vs Cuschieri"**** – Qorti tal-Appell – 23 ta' Ottubru 1936 – XXIX.I.1408 ;* ***"Spiteri vs Spiteri et"*** *– Qorti tal-Appell – 28 ta' Gunju 1957 – Vol XLI.I.412 ;* *"****Depares noe vs O'Dea noe"*** *– Qorti tal-Appell – 25 ta' Gunju 1996).*

*Dwar il-mod u l-mument kif issir ir-rabta, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru 1999 fil-kawza* ***"Vella vs Vella noe"*** *huwa preciz u car, u ghandu portata rilevanti u vitali ghall-finijiet tal-kawza tallum. Skond din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tigi kontrattata l-obbligazzjoni ; fil-kaz tal-lum is-self. Huwa f'dak il-mument min jikkontratta ghandu l-obbligu li jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tal-parti l-ohra f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta.*

*Anke fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 1999 fil-kawza* ***"Formosa et noe vs Felice"****, il-Qorti tal-Appell kienet cara. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wiehed ghandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed taghmel hekk f'isimha propju.'*

Illi l-konvenut ipprezenta l-ircevuti li nhargu minn Mintoff lil Life Adventure Limited[3] u dan, skont il-konvenut, huwa sufficjenti sabiex jipprova li meta ftiehem ma' l-attur kien qieghed jaghmel dan f'isem il-kumpanija u mhux fuq ismu personali. Inoltre' gew prezentati wkoll mill-attur zewg invoices[4] li huma intestati fuq il-kumpanija konvenuta u dawn inhargu meta l-attur intbaghat jixtri xi materjal. Il-qorti tinnota li dawn l-invoices huma datati 27 ta' Marzu, 2009 u 26 ta' Jannar, 2009. Fl-affidavit tieghu, il-konvenut qal li kien f'Settembru tas-sena 2008 li Michael Mintoff beda jahdem mieghu. Ghalhekk jirrizulta li l-invoices jirrisalu ghal dati li huma sussegwenti ghal meta l-partijiet bdew jahdmu flimkien. Ghal dak li jirrigwarda l-ircevuti tirrizulta biss id-data ta' l-1 ta' Novembru 2009 fuq ircevuta minnhom. L-attur in kontro-ezami[5] ikkonferma li l-ewwel pagament li Galea tah kien permezz ta' cekk u dan kien f'Novembru, 2008. Huwa minghalih li c-cekk kien fuq isem Galea personali u mhux f'isem il-kumpanija. Huwa thallas permezz ta' erba' cekkijiet u €400 fi flus kontanti. Jirrizulta li l-konvenut xehed[6] li whud mic-cekkijiet kienu f'ismu, f'isem il-kumpannija u f'isem klijenti wkoll. Jigifieri dan ikompli jikkonferma l-konvinciment tal-qorti kemm il-konvenut Pierre Galea ma kienx konsistenti. Madankollu jrid jinghad li anki kieku c-cekkijiet hargu mill-kumpanija ma jfissirx necessarjament li meta l-partijiet ftehmu Pierre Galea kien car li kien qieghed jiftiehem ghan-nom tal-kumpanija. Il-mument li persuna trid tizvela f'liema vesti

[3] A fol 61 u 62 tal-process
[4] A fol 75 u 76 tal-process
[5] A fol 70 tal-process
[6] A fol 13 tal-process

qeghda tikkuntratta huwa l-mument meta jkun qieghed isehh il-ftehim.

L-attur fl-affidavit tieghu spjega li l-ewwel darba li Pierre Galea inkarigah ma kienx semmielu kumpannija. Sar jaf bl-ezistenza tal-kumpanija meta kien prezenti ghal diskors bejn Galea u certu Victor Borg. Kien Galea li talbu biex l-ircevuti tax-xoghol johroghom fuq isem il-kumpanija u huwa hekk ghamel.

Jirrizulta li l-konvenut hafna drabi ma kienx ikun car f'liema vesti kien qieghed jikkuntratta ma' terzi. Hekk per ezempju fix-xhieda tieghu Mario Pace[7] xehed li huwa kien inkariga lil Pierre Galea biex jaghmillu xi xoghol fid-dar tieghu. Michael Mintoff kien imur ukoll flimkien ma' Pierre Galea u haddiem certu Joe jahdem maghhom. Pace qal li huwa dejjem ftiehem ma' Galea personalment u qatt ma semmielu li jahdem b'kumpanija. Tant huwa hekk li mill-ircevuta[8] ezebita minn imkien ma jirrziulta li x-xoghol sar mill-kumpanija. Reuben Vella[9] xehed li kien tkellem ma' Pierre Galea, habib tieghu, biex jaghmlu xi xogholijiet. Kien hallsu fi flus kontanti u ma kienx tah ricevuta. Galea kien semmilu xi kumpanija pero' Vella lill-attur qatt ma tkellem mieghu fis-sens li Galea kellu kumpanija.

Illi Carmelino Calleja[10] xehed li l-konvenut kien qallu bil-kumpanija u meta kien jibghatu jixtri xi materjal kien ighidlu biex inizzel isem il-kumpanija. Pero' ma jafx jekk meta kien prezenti huwa Pierre qattx semma l-kumpanija lil Michael Mintoff. Vincent Ciliberti[11] xehed li l-kumpanija li qieghed fiha inkarigat lil Pierre Galea li kien qieghed jidher ghan-nom ta' Life Adventure Limited ghal xogholijiet fi proprjeta' fix-Xewkija, Ghawdex. Il-kontijiet ukoll kienu mahruga mill-kumpanija konvenuta u l-pagamenti saru kollha lill-kumpanija. Il-kontijiet thallsu kollha. Lil Michael Mintoff ma hallsuh xejn ghax ma kellhomx x'jaqsmu

[7] A fol 42 tal-process
[8] Dok MP1 a fol 44 tal-process
[9] A fol 45 tal-process
[10] A fol 47 u 48 tal-process
[11] A fol 65 u 66 tal-process

mieghu. Inoltre’ x-xhud qal li ma jafx xi ftehim kien hemm bejn Pierre Galea u Michael Mintoff.

Illi l-qorti mhix konvinta li Pierre Galea fil-mument li kien qieghed jiftiehem ma’ l-attur kien qallu bil-kumpanija. Din id-dikjarazzjoni kellha ssir fil-bidunett u mhux meta talab lill-attur l-ircevuti. Inoltre’ jirrizulta mill-atti li l-konvenut stenna ghal diversi xhur sakemm f’dawn l-atti, wara li dejjem insista li huwa dejjem agixxa ma’ l-attur f’isem il-kumpanija, iddikjara li diversi xogholijiet fil-fatt saru minnu personalment u mhux mill-kumpanija u ghalhekk anki f’dawn il-proceduri l-konvenut kien pjuttost ambivalenti.

Ghalhekk  din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi fit-<u>tielet eccezzjoni</u> tieghu Pierre Galea sostna li llum il-gurnata ma ghad baqaghlu ebda konnessjoni mas-socjeta’ Life Adventure Limited. Mill-atti pero’ rrizulta mod iehor u dan kemm mill-Memorandum and Articles of Association ta’ l-istess kumpanija li gie prezentat; kif ukoll, minn dak li xehed Pierre Galea innifsu fis-seduta tas-26 ta’ Novembru, 2010 u cjoe’ li wara verifiki li ghamel irrizultalu li ghadu azzjonist fl-istess kumpannija. Ghaldaqstant anki din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi inkwantu ghal dak li jirrigwarda l-<u>mertu,</u>  il-kwistjoni hija wahda purament ta’ apprezzament tal-provi. Minn ezami tal-atti din il-qorti tikkonkludi li l-versjoni moghtija mill-attur ghandha tinghata aktar affidament. Ibda biex il-konvenut Pierre Galea ma kien konsistenti xejn fix-xhieda tieghu quddiem din il-qorti – kif diga’ inghad l-ewwel sostna li x-xogholijiet saru mill-kumpanija imbaghad iddikjara wara hafna xhur li l-maggiorparti taghhom saru minnu personalment; qal li ma kellux aktar x’jaqsam mal-kumpanija izda madankollu giet prezentata kontro-talba tal-kumpanija kontestwalment mar-risposta tieghu u wara li ngabet prova li huwa ghadu azzjonist tal-kumpanija rega’ xehed u qal li minn verifiki li ghamel irrizultalu li kien zbaljat.

Illi sabiex isostni l-pretensjoni tieghu l-attur pprezenta dokument li fih indika l-hinijiet u s-sieghat kollha li hadem

u d-dettalji tax-xogholijiet. Il-konvenut Galea sostna li r-rata li qieghed jippretendi l-attur mhiex dik kif miftehma ghaliex huma kienu ftehmu fuq ir-rata ta’ €7.25 fis-siegha u dan peress li l-oghla rata li kienu jzommu lill-klijenti kienet ta’ €62.89 kull jum. Nonostante tali dikjarazzjoni l-konvenut ma gab l-ebda prova ta’ dan mentri l-attur spjega fl-affidavit tieghu li ghal kull gurnata huwa jithallas l-ammont ta’ Lm30 kuljum ekwivalenti ghal €69.84 u peress li l-gurnata tieghu hija ta’ tmien sieghat kull siegha tigi €8.73. Huwa xehed li meta ltaqa’ l-ewwel darba ma’ Pierre Galea kien qallu b’din ir-rata u Galea ma kellu l-ebda problema dwarha. In verita’ din il-qorti ghandha zewg versjonijiet differenti quddiemha – ebda dokument ma gie prezentat minn xi parti biex jipprova l-affermazzjoni tieghu. Madankollu l-qorti temmen lill-attur ghaliex huwa wera konsistenza fil-provi migjuba u fix-xhieda tieghu.

Il-konvenut jilmenta wkoll mill-fatt li s-sieghat tal-break ma gewx imnaqqsa u dan nonostante li l-attur, bhal haddiema l-ohra, kien jiehu break bejn tlett kwarti u siegha waqt il-hin tal-ikel. L-attur cahad li break kien idum ghal daqstant hin hlief ghal drabi rari u li, fi kwalunkwe kaz, kien ipatti ghalih wara. Referenza ssir ghax-xhieda ta’ Cathleen Pace[12], li sar xi xoghol ghandha u damu ghal xi hmistax-il gurnata u li hija xhud indipendenti mill-partijiet, qalet li break kienu jieqfu ghal xi ghoxrin minuta. Joseph Vella[13] li kien jahdem mal-kumpanija konvenuta u gieli hadem ma’ l-attur ikkonferma dak li qal il-konvenut. Din il-qorti mhiex tant konvinta minn din ix-xhieda anki peress li ma jistax jinghad li dan huwa xhud indipendenti. Apparti li jirrizulta mit-tieni paragrafu ta’ l-affidavit tieghu li jidher li kien hemm xi kwistjoni bejnu u bejn l-attur. Anki Reuben Vella xehed li ghall-break kienu jdumu izda tajjeb jinghad li x-xoghol dam sejjer ghandu biss jumejn.

Il-konvenuti jilmentaw ukoll mill-fatt li fid-dokument market X1 l-attur isostni li huwa kien jispicca mix-xoghol fis-6.15 ta’ filghaxija jew sahansitra aktar tard. Il-konvenut isostni li huma kienu jieqfu mix-xoghol ghall-5.00 jew il-5.15 ta’ filghaxija u ghalkemm xi drabi damu izjed minn hekk,

[12] A fol 67 tal-process
[13]

dawn kienu okkazzjonijiet rari u ma kienux isehhu bil-frekwenza li jallega l-attur.

Dwar dan ix-xhieda li gew prodotti qalu hekk:

- ❖ Mario Pace xehed li huwa jispicca xoghol fit-3.30p.m. u wara x-xoghol meta kien jirritorna d-dar lil Pierre Galea u lill-attur kien isibhom ghadhom qed jahdmu.
- ❖ Reuben Vella xehed li kienu jaghmlu gurnata. Kienu jdumu filghaxija sa xi s-sebgha ta' bil-lejl.
- ❖ Carmelino Calleja xehed li generalment kienu jahdmu mit-8.00a.m. sa' xi l-4.00p.m. izda x-Xewkija kien hemm drabi li jkunu jdumu aktar mill-4.00p.m.
- ❖ Cathleen Pace xehdet li kienu jahdmu gurnata minn xis-7.00 ta' filghodu sat-3.00p.m. Hija qalet li tispicca mix-xoghol fl-erbgha u nofs u tiftakar li kien hemm darba li meta rritornat id-dar kienu ghadhom qed jahdmu.
- ❖ Joseph Vella xehed li kienu jibdew xoghol ghall-habta tat-8.00a.m. jew it-8.30a.m. u kienu jieqfu mix-xoghol ghall-5.00p.m.
- ❖ Rigward ix-xoghol fix-Xewkija ma ngabitx prova ta' hinijiet

Illi minn dan kollu jirrizulta li fil-fatt il-hin tal-gurnata ma kienx wiehed fiss u dan il-fatt jirrizulta minn Dok X1 peress li l-hinijiet indikati mhumiex l-istess ghal kull gurnata ta' xoghol. Ghalhekk il-qorti hija konvinta mill-veracita' ta' l-istess dokument hekk kif imhejji mill-attur ghaliex proprju jirrispekkja dak li rrizulta mix-xhieda prodotti.

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu semma wkoll li certu xogholijiet li l-attur isostni li ghamel fil-fatt mhux veru saru minnu. Infatti fl-affidavit tieghu sostna li l-attur qatt ma: (i) wahhal madum tal-kamra tal-banju fix-Xewkija; (ii) wahhal fajjenza tal-kamra tal-banju; (iii) ghamel konkos fuq il-pipes; (iv) ghamel twittija tas-sulari; (v) ghamel xoghol fuq il-gypsum, hlief ghand Reuben Vella; (vi) ghamel plumbing jew twahhil tal-pajpijiet fis-shaft. Kien biss Joseph Vella li rrepeta kelma b'kelma l-affidavit tal-konvenut f'dan ir-rigward.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu spjega li huwa jaghmel xoghol ta’ finishing ossija tikhil, tibjid u tqeghid ta’ madum u xoghol iehor simili. Ix-xhud Carmelino Calleja qal li ghat-tqeghid ta’ madum tal-hajt u tal-art gieli kien isir minn Pierre Galea u Michael Mintoff flimkien jew separatament. Huwa kompla li *‘is-sink, it-toilet u x’shower kien wahhalhom Pierre pero’ tah daqqa t’id Michael’.* Vincent Ciliberti xehed li lil Michael Mintoff rah iwahhal il-madum mal-hajt tal-kamra tal-banju. Cathleen Pace xehdet hekk: *‘Michael Mintoff kien jaghmel ix-xoghol li kien iqabbdu Pierre Galea. Kollox rajtu jaghmel. Rajtu jizbogh, jobrox, coving, jizbogh is-suffitt’.* Ix-xoghol fid-dar ta’ Reuben Vella kien jikkonsisti f’xoghol ta’ suffitt tal-gypsum u kisi ta’ kamra – Michael Mintoff u Pierre Galea hadmu flimkien.

Illi ghalhekk anki f’dan il-kaz il-qorti mir-rizultanzi processwali tinsab konvinta li x-xoghol indikat mill-attur fil-fatt verament sar minnu.

Illi l-konvenuti jsemmu wkoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom li l-attur qieghed jippretendi wkoll spejjez li huwa jsostni li ghamel ghan-nom taghhom u ghalhekk qed jippretendi li jigu rifuzi lilu. Bhala total l-attur qieghed jippretendi l-ammont ta’ €555.53[14]. Illi l-attur naqas li jipprezenta xi tip ta’ prova bhal ircevuti li dawn l-ammonti minnu reklamati huma verament dovuti u ghaldaqstant mhumiex ippruvati.

Illi l-konvenuti jsostnu li l-attur thallas ghax-xogholijiet kollha hlief ghal dak li sar f’Fort Chambray. Il-konvenuti jirreferu ghall-ircevuti mahruga mill-attur innifsu u li gew ezebiti ma’ l-affidavit tal-konvenut minn fejn jirrizulta li l-attur thallas is-somma ta’ €7,274.76, filwaqt li d-dikjarazzjonijiet miktuba bl-idejn minn Michael Mintoff u li gew ezebiti fl-atti tal-kawza fis-17 ta’ Settembru 2010, juru li l-istess attur thallas €2,400, ghal total ta’ hlas mill-kumpanija fl-ammont ta’ €9,674.76. Ghalhekk ladarba l-attur hareg b’total originali ta’ €9,234.68 dan ifisser li l-attur ma’ baqaghlu jiehu assolutament xejn imam talli ghandu jaghti huwa lill-kumpanija.

[14] €93.28 spejjez ghand omm Bernardette; €402 spejjez Xewkija; u €60 spejjez Kiskis

Illi il-konvenuti m'ghandhomx ragun f'din is-sottomissjoni. Infatti jaghmel sens dak li xehed l-attur li l-ammont ta' €3,274 jirreferi ghal xoghol li kien sar f'Ta' Cenc u li l-attur mill-bidunett tal-kawza qal li ta' dan ix-xoghol kien thallas u infatti mhux parti mill-mertu tal-proceduri odjerni. L-ircevuti l-ohra dawk ta' €500, €1,500, €2,000 jirreferu ghax-xoghol li kien sar fid-dar ta' Ciliberti. Dawn l-ammonti tnaqqsu mill-kont originali mahrug mill-attur. Jinghad li l-attur sa mill-bidu tal-kawza spjega li kien thallas b'erba' cekkijiet u li ghal dak li jirrigwarda x-Xewkija kien thallas biss €4,000. L-attur huwa kredibbli wkoll ghaliex ladarba huwa mhux qed jippretendi hlas ghax-xoghol f'ta' Cenc, jekk il-konvenuti jsostnu li ghax-xogholijiet imsemmija mill-attur f'din il-kawza thallas allura dan ifisser li ghal ta' Cenc ghad hemm kont pendenti u li l-attur hallih barra f'dawn il-proceduri? Dan huwa alkwantu inverosimili.

Inoltre' l-konvenut Pierre Galea xehed li lill-attur tah l-ammont ta' €2,371.50 fi flus kontanti u li taghhom Mintoff ma harigx ircevuta. Prova ta' dawn il-hlasijiet ma ngabitx. Di piu' l-qorti tinnota li stranament fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti lanqas biss jaccennaw ghal tali hlasijiet. Di piu' jirrizulta lil din il-qorti li l-konvenut hallas lill-attur €400 fi flus kontanti li taghhom ma hargitx ircevuta izda l-attur xorta wahda naqqasha mill-kont originali. Dan apparti l-fatt li ma jidhirx li l-attur offra rezistenza sabiex johrog l-ircevuti li hareg u ghalhekk jekk dak sostnut mill-konvenuti ghandu mill-veru li kieku l-attur intalab ricevuta m'hemmx dubju li kien johrog tali rcevuta.

Illi jinghad ukoll li ma giex ippruvat li x-xoghol li sar ghand il-konvenut kellu jkun bla hlas.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ammont pretiz mill-attur li gie sodisfacentement ippruvat huwa €4278.47 u dan peress li mill-ammont pretiz tnaqqset is-somma ta' €555.53.

Illi jifdal li tigi trattata l-pretensjoni tal-kumpanija konvenuta li l-attur ghandu jaghtiha s-somma ta' €1,411.12 dovuti ghal xoghol ta' madum, skirting u grouting u ta' piping, ta'

stimi u hlas ta’ haddiema li saru f’diversi proprjetajiet fuq inkarigu ta’ Michael Mintoff. Infatti s-socjeta’ konvenuta ezebiet rendikont ta’ dan il-bilanc[15]. L-attur ma cahadx li huwa ghamel xi xoghol ghall-kumpanija.

Fix-xhieda tieghu[16] l-attur jaqbel li minn dan il-kont ghandu jaghti l-ammont ta’ €56 rapprezentanti xoghol f’dar l-Gharb. L-attur xehed ukoll li lanqas m’ghandu problema li jhallas l-ammont li thallas certu Sistu, haddiem, li kien qieghed ighinu fix-xoghol u dan purche’ l-ammont ikun wiehed kredibbli. Huwa xehed li dan Sistu ghamel xi hamest ijiem jahdem mieghu. Fir-rendikont ezebit il-kumpanija konvenuta qeghda tippretendi l-ammont ta’ €550. Prova in atti ta’ dan ma ngabitx, la min kienu dawn il-haddiema, la l-ammont ta’ sieghat li hadmu u lanqas fejn saru dawn ix-xogholijiet. Madankollu l-attur innifsu accetta li ghandu jhallas ta’ haddiem li ghenu ghal hamest ijiem shah. Jirrizulta mill-atti liJoseph Vella fl-affidavit tieghu sostna li huwa kien jahdem mas-socjeta’ konvenuta bir-rata ta’ €4.20 s-siegha. Il-qorti ghalhekk tifhem li l-ammont mitlub ta’ €149.12 huwa wiehed ragjonevoli.

Tajjeb li jigi nnutat li l-attur imkien ma sostna li x-xogholijiet ma sarux. B’referenza ghax-xoghol fl-ammont ta’ €168 dovuti lil Pierre Galea ghal tlett ijiem xoghol ghand Derek, l-attur sostna li l-konvenut ghenu ghal xi jumejn u li ta’ dan huwa hallsu €200 fi flus kontanti. Prova ta’ tali hlas ma ngabitx. Jidher ghalhekk li l-ammont pretiz mis-socjeta’ konvenuta ghal xoghol li Galea ghamel fl-appartament inkwistjoni huwa wkoll wiehed accettabbli u ghaldaqstant dan l-ammont huwa wkoll dovut.

Dwar l-ammonti l-ohra li s-socjeta’ konvenuta qeghda tippretendi bhala li jirrapprezentaw stimi imhejjija minn Pierre Galea fuq inkarigu ta’ l-attur, l-attur isostni li ma kienx hemm ftehim la li mhux se jkun hemm hlas u lanqas li se jkun hemm. Jirrizulta li huma kienu ftehmu li Galea jaghmel l-istimi u jekk jiehdu x-xoghol il-qliegh jinqasam bin-nofs. Mintoff sostna li kien hemm stimi li saru izda

---

[15] Dok C a fol 63 tal-process

[16] A fol 72 tal-process

imbaghad ix-xoghol ma haduhx. Fil-fehma ta' din il-qorti, is-socjeta' konvenuta naqset li tissostanzja kif waslet ghall-ammont minnha pretiz, b'liema rati qed tippretendi li ghandha tithallas u fuq kollox jekk kienet qed tippretendi hlas ta' tali xoghol kien jinkombi fuqha li l-attur ikun mgharraf fil-bidunett. Din il-qorti hija konvinta li originarjament il-hsieb kien li ma jkunx hemm hlas izda meta r-relazzjoni bejn il-partijiet bidet tithassar inhareg tali kont. Ghaldaqstant tali ammont mhux dovut peress li ma giex ippruvat.

B'zieda ma' dan lanqas l-ammonti pretizi ta' €40 u €550 ma gew ippruvati. Per ezempju b'referenza ghall-ahhar ammont, is-socjeta' konvenuta ssostni li hallset lill-haddiema taghha li kienu jghinu lil Michael Mintoff. B'danakollu ma gie prezentat l-ebda dokument li jipprova li tali hlas effettivament sar u wisq anqas ma gew prodotti l-haddiema biex jikkonfermaw li tali xoghol min-naha taghhom sar.

Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li l-attur ghandu jaghti lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' €373.12.

Ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti taqta' u tiddeciedi dwar it-talbiet ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi:

i) Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Pierre Galea;
ii) Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Pierre Galea;
iii) Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti fejn dawn mhux kompatibbli ma' dak provdut hawn taht;
iv) Tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef mitejn tmienja u sebghin euro u sebgha u erbghin centezmu (€4278.47) lill-attur u dan bl-imghax kummercjali mid-data tas-servizzi sad-data tal-hlas effettiv.

Illi ghar-rigward tal-kontro-talba tas-socjeta konvenuta, din il-qorti tiddisponi minnha u mill-eccezzjonijiet ta' l-attur

rikonvenut billi tilqa' t-talba tas-socjeta' konvenuta limitatament u dan billi tiddikjara li l-attur huwa debitur taghha fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u sebghin euro u tnax-il centezmu (€373.12) u ghalhekk tikkundanna lill-attur jhallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u sebghin euro u tnax-il centezmu (€373.12) lis-socjeta' konvenuta u dan bl-imghax kummercjali dekoribbli mid-data tas-servizzi sad-data tal-hlas effettiv.

Spejjez relattivi ghar-rikors promotur inkwantu ghal hamsa u disghin fil-mija (95%) a karigu tal-konvenuti u hamsa fil-mija (5%) a karigu ta' l-attur. Spejjez relattivi ghall-kontro-talba inkwantu ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) a karigu ta' l-attur u l-kumplament a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------